KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
WATHELET
ippreżentati fit-12 ta’ April 2018[1]

**Kawża C-99/17 P**

**Infineon Technologies AG**
**vs**

**Il-Kummissjoni Ewropea**

“Appell – Akkordji – Suq Ewropew tal-ismart card chips – Netwerk ta’ kuntatti bilaterali bil-għan li jiġu kkoordinati r-risposti li għandhom jingħataw lill-klijenti li jkunu jixtiequ tnaqqis fil-prezz – Kontestazzjoni dwar l-awtentiċità tal-provi – Portata tal-istħarriġ ġudizzjarju – Ġurisdizzjoni sħiħa”

1. Permezz ta’ dan l-appell, Infineon Technologies AG (iktar ’il quddiem l-“appellanti”) titlob l-annullament tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tal-15 ta’ Diċembru 2016, Infineon Technologies vs Il-Kummissjoni (T-758/14, mhux ippubblikata, iktar ’il quddiem is-“sentenza appellata”, EU:T:2016:737), li biha l-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors tagħha intiż, prinċipalment, għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2014) 6250 finali tat-3 ta’ Settembru 2014 li tirrigwarda proċediment skont l-Artikolu 101 tat-TFUE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim [dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE)] (Każ AT.39574 — Smart Card Chips) (iktar ’il quddiem id-“Deċiżjoni kontenzjuża”), u, sussidjarjament, għat-tnaqqis tal-ammont tal-multa imposta lill-appellanti.

2. Skont it-talba tal-Qorti tal-Ġustizzja, dawn il-konklużjonijiet ser jiffokaw fuq żewġ kwistjonijiet ta’ liġi mressqa mill-appellanti insostenn tal-appell tagħha. Dawn iż-żewġ kwistjonijiet jirrigwardaw, minn naħa, il-kundizzjonijiet għall-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni sħiħa u, min-naħa l-oħra, il-kontestazzjoni dwar l-awtentiċità tal-provi kkunsidrati mill-Kummissjoni Ewropea.

## I. Il-kuntest ġuridiku

### *A. Ir-Regolament Nru 1/2003*

3. Skont l-Artikolu 31 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta’ Diċembru 2002 fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli [101 TFUE] u [102 TFUE][2], “[i]l-Qorti tal-Ġustizzja ħa jkollha ġurisdizzjoni bla limitu għar-reviżjoni tad-deċiżjonijiet fejn il-Kummissjoni waħħlet multa jew perjodu ta’ pagamenti tal-pieni. Hi tista’ tħassar, tnaqqas jew jżid il-multa jew il-perjodu ta’ pagamenti tal-pieni imposti”.

1 Lingwa oriġinali: il-Franċiż.
2 ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2, p. 205.

### *B. Il-Linji Gwida għall-kalkolu tal-multi*

4. Il-Linji Gwida għall-kalkolu tal-multi imposti skont l-Artikolu 23(2)(a) tar-Regolament Nru 1/2003[3] (iktar ’il quddiem il-“Linji Gwida għall-kalkolu tal-multi”) jipprovdu, taħt it-titolu “Ammont bażiku tal-multa”:

“[…]

B. Ċirkustanzi attenwanti

29. L-ammont bażiku tal-multa jista’ jitnaqqas meta l-Kummissjoni tikkonstata l-eżistenza ta’ ċirkustanzi attenwanti bħalma huma:

– […]

– […]

– meta l-impriża kkonċernata tipproduċi l-prova li l-parteċipazzjoni tagħha fil-ksur hija sostanzjalment ridotta u b’hekk turi li, matul il-perijodu li matulu hija aderixxiet mal-ftehimiet li jikkostitwixxu ksur, hija effettivament eskludiet lilha nnifisha mill-applikazzjoni ta’ dan il-ftehim billi adottat aġir kompetittiv fis-suq; is-sempliċi fatt li impriża pparteċipat fi ksur għal tul iqsar mill-oħrajn ma jistax jiġi kkunsidrat bħala ċirkustanza attenwanti, ġaladarba din iċ-ċirkustanza diġà hija riflessa fl-ammont bażiku;

[…]” [traduzzjoni mhux uffiċjali]

## II. Il-fatti li wasslu għall-kawża

5. Il-fatti li wasslu għall-kawża u l-punti essenzjali tad-deċiżjoni huma esposti fil-punti 1 sa 40 tas-sentenza appellata. Dawn jistgħu jinġabru fil-qosor kif ġej.

6. Fit-22 ta’ April 2008, il-Kummissjoni ġiet informata bl-eżistenza ta’ akkordju fis-settur tal-ismart card chips minn Renesas Technology Corp. u s-sussidjarji tagħha (iktar ’il quddiem “Renesas”), li talbet li tibbenefika mill-immunità mill-multi skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar in-nuqqas ta’ impożizzjoni jew it-tnaqqis ta’ multi f’każijiet ta’ kartell[4] (iktar ’il quddiem l-“Avviż dwar il-kooperazzjoni”). Wara spezzjonijiet għall-għarrieda li għamlet fil-bini ta’ diversi kumpanniji f’dan is-settur u wara li bagħtitilhom talbiet għall-informazzjoni, il-Kummissjoni, fit-28 ta’ Marzu 2011, bdiet il-proċeduri, skont l-Artikolu 11(6) tar-Regolament Nru 1/2003, kontra Koninklijke Philips NV u Philips France (iktar ’il quddiem “Philips”), Renesas kif ukoll Samsung Electronics CO., Ltd, u Samsung Semiconductor Europe GmbH (iktar ’il quddiem, meħudin flimkien, “Samsung”).

7. F’April 2011, il-Kummissjoni bdiet diskussjonijiet bil-ħsieb ta’ riżolviment tat-tilwim fis-sens tal-Artikolu 10a tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 773/2004 tas-7 ta’ April 2004 dwar it-tmexxija ta’ proċeduri mill-Kummissjoni skond l-Artikolu [101 TFUE] sa [102 TFUE][5], ma’ Renesas, Samsung u Philips. Dawn id-diskussjonijiet ġew sospiżi fix-xahar ta’ Ottubru 2012.

8. Fit-18 ta’ April 2013, il-Kummissjoni bagħtet dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet lil Renesas, Hitachi, Mitsubishi Electric Corp., Samsung, l-appellanti u lil Philips. Saret seduta fl-20 ta’ Novembru 2013.

3 ĠU 2006, C 210, p. 2.

4 ĠU 2016, C 144, p. 23.

5 ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 3, p. 81.

9. Fit-3 ta' Settembru 2014, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni kontenzjuża. Permezz ta' din id-deċiżjoni, il-Kummissjoni kkonstatat li erba' impriżi, jiġifieri l-appellanti, Philips, Renesas u Samsung, kienu pparteċipaw fi ksur uniku u kontinwu tal-Artikolu 101(1) TFUE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE fis-settur tal-ismart card chips li jkopri ż-ŻEE (iktar 'il quddiem il-"ksur inkwistjoni"). Dan il-ksur, li seħħ bejn l-24 ta' Settembru 2003 u t-8 ta' Settembru 2005, kien jirrigwarda l-ismart card chips, li jintużaw fis-SIM cards tat-telefons ċellulari, fil-karti tal-bank, fil-karti tal-identità u fil-passaporti, fil-karti tat-televiżjoni bi ħlas u f'diversi applikazzjonijiet oħra.

10. Fil-mument tal-ksur inkwistjoni, is-suq tal-ismart card chips, li kien jinkludi żewġ setturi – jiġifieri l-ismart card chips tas-SIM cards (użati essenzjalment għat-telefons ċellulari) u l-ismart card chips li ma humiex għas-SIM cards (użati għall-bank, għas-sigurtà u għall-identifikazzjoni) –, kien ikkaratterizzat bi tnaqqis kostanti fil-prezzijiet, bil-pressjoni eżerċitata fuq il-prezzijiet mill-klijenti prinċipali tal-produtturi tal-ismart card chips, bl-iżbilanċi tal-provvista meta mqabbla mad-domanda li jirriżultaw miż-żieda fid-domanda u mill-evoluzzjoni teknoloġika kostanti u rapida kif ukoll bl-istruttura tan-negozjati kuntrattwali mal-klijenti.

11. Il-ksur inkwistjoni kien ibbażat fuq netwerk ta' kuntatti bilaterali bejn id-destinatarji tad-Deċiżjoni kontenzjuża kemm waqt laqgħat, u kif ukoll waqt konversazzjonijiet telefoniċi, li kienu jsiru kull ġimgħa għas-snin 2003 u 2004. Skont il-Kummissjoni, il-parteċipanti fil-ksur ikkoordinaw il-politika tal-prezz tagħhom fil-qasam tal-ismart card chips permezz ta' kuntatti li jirrigwardaw l-iffissar tal-prezz, b'mod partikolari l-prezzijiet speċifiċi mogħtija lill-klijenti prinċipali, il-prezzijiet minimi u l-prezzijiet indikattivi, l-iskambji tal-ideat fuq l-evoluzzjoni tal-prezzijiet għas-semestru segwenti u l-intenzjonijiet fir-rigward tal-iffissar tal-prezz, imma wkoll fuq il-kapaċità produttiva u l-użu tal-istess, l-aġir futur fis-suq kif ukoll in-negozjati tal-kuntratti tal-klijenti komuni. Il-kalendarju tal-kuntatti kolluživi, li l-lista tagħhom tinsab fit-tabella Nru 4 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, isegwi l-kalendarju taċ-ċiklu ekonomiku. Filwaqt li kkunsidrat l-għan tagħhom u l-mument li fih seħħew, il-Kummissjoni kkonstatat ċerti rabtiet bejn dawn il-kuntatti bilaterali. Barra minn hekk, f'dawn il-kuntatti, l-impriżi spiss semmew kuntatti bilaterali oħra bejn il-parteċipanti fil-ksur inkwistjoni u l-informazzjoni miġbura ntbagħtet lill-kompetituri.

12. Il-Kummissjoni kklassifikat il-ksur inkwistjoni bħala ksur uniku u kontinwu. Fil-fatt, il-kuntatti kolluživi huma marbutin ma' xulxin u huma ta' natura komplementari. Permezz tal-interazzjoni tagħhom, huma kkontribwixxew għat-twettiq tal-effetti antikompetittivi tagħhom fil-kuntest ta' pjan globali li għandu għan wieħed.

13. Skont il-Kummissjoni, Samsung, Renesas u Philips kienu jafu bil-ksur kollu kemm hu. Min-naħa l-oħra, l-appellanti nżammet responsabbli biss inkwantu pparteċipat fi prattiki kolluživi ma' Samsung u ma' Renesas, fl-assenza ta' provi li hija kellha wkoll kuntatti ma' Philips jew li hija kellha l-impressjoni suġġettiva li qiegħda tipparteċipa fil-ksur inkwistjoni kollu.

14. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni sostniet li l-aġir tal-impriżi inkwistjoni kellu bħala għan li jirrestrinġi l-kompetizzjoni fi ħdan l-Unjoni u kellu effett sostanzjali fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri u bejn il-partijiet kontraenti fil-Ftehim ŻEE.

15. Għall-iskopijiet tal-kalkolu tal-multi imposti skont l-Artikolu 23(2) tar-Regolament Nru 1/2003 u skont il-Linji Gwida għall-kalkolu tal-multi, il-Kummissjoni ppreċiżat li l-ksur inkwistjoni kien twettaq intenzjonalment. Għall-kalkolu tal-ammont bażiku, hija ħadet indikatur għall-valur annwali tal-bejgħ li huwa bbażat fuq il-valur reali tal-bejgħ tal-prodotti suġġetti għall-kartell, magħmul mill-impriżi matul ix-xhur tal-parteċipazzjoni attiva tagħhom fil-ksur inkwistjoni. Hija applikat koeffiċjent għall-gravità tal-ksur inkwistjoni ta' 16 %. Hija ħadet inkunsiderazzjoni dewmien ta' 11-il xahar u 17-il jum għal Philips, ta' 18-il xahar u 7 ijiem għall-appellanti, ta' 23 xahar u jumejn għal Renesas u ta' 23 xahar u ta' 15-il jum għal Samsung. Hija applikat koeffiċjent ta' 16 % tal-valur tal-bejgħ bħala ammont addizzjonali.

16. Minħabba ċ-ċirkustanzi attenwanti, il-Kummissjoni tat tnaqqis ta' 20 % mill-ammont tal-multa lill-appellanti minħabba l-fatt li din tal-aħħar kienet responsabbli għall-ksur inkwistjoni biss inkwantu kienet ipparteċipat f'arranġamenti kollużivi ma' Samsung u Renesas, u mhux ma' Philips. Skont l-Avviż dwar il-kooperazzjoni, hija tat l-immunità mill-multi lil Renesas u tnaqqis ta' 30 % mill-ammont tal-multa lil Samsung.

17. Fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, il-Kummissjoni kkonstatat li l-impriżi segwenti pparteċipaw fi ksur uniku u kontinwu tal-Artikolu 101(1) TFUE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE fis-settur tal-ismart card chips li jkopri ż-ŻEE:

– l-appellanti, mill-24 ta' Settembru 2003 sal-31 ta' Marzu 2005, "minħabba l-koordinazzjoni ma' Samsung u Renesas" (Artikolu 1(a));

– Philips, mis-26 ta' Settembru 2003 sad-9 ta' Settembru 2004 (Artikolu 1(b));

– Renesas, mis-7 ta' Ottubru 2003 sat-8 ta' Settembru 2005 (Artikolu 1(c)), u

– Samsung, mill-24 ta' Settembru 2003 sat-8 ta' Settembru 2005 (Artikolu 1(d)).

18. Fl-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, il-Kummissjoni imponiet multi fl-ammont ta' EUR 82 784 000 lill-appellanti (Artikolu 2(a)), ta' EUR 20 148 000 lil Philips (Artikolu 2(b)), ta' EUR 0 lil Renesas (Artikolu 2(c)), u ta' EUR 35 116 000 lil Samsung (Artikolu 2(d)).

## III. Il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u s-sentenza appellata

19. Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-13 ta' Novembru 2014 (iktar 'il quddiem ir-"rikors għal annullament"), l-appellanti ppreżentat rikors intiż, prinċipalment, għall-annullament tad-Deċiżjoni kontenzjuża u, sussidjarjament, għat-tnaqqis tal-ammont tal-multa li kienet imposta fuqha.

20. Insostenn tar-rikors tagħha, l-appellanti invokat sitt motivi. Permezz tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ċaħdet dawn il-motivi u, għaldaqstant, ir-rikors tal-appellanti kollu kemm hu.

21. Permezz taż-żewġ motivi mressqa quddiem il-Qorti Ġenerali, li kienu jirrigwardaw ir-rispett tad-drittijiet tad-difiża u tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba, l-appellanti kkritikat b'mod partikolari t-trattament proċedurali ta' prova prodotta minn Samsung fl-2012, jiġifieri posta elettronika interna ta' din il-kumpannija datata 3 ta' Novembru 2003, li tagħha hija kkontestat ukoll l-awtentiċità.

22. F'dan il-kuntest, fl-evalwazzjoni tat-tieni ilment imressaq insostenn tal-ewwel motiv, il-Qorti Ġenerali kkonstatat essenzjalment, fil-punti 76 sa 80 tas-sentenza appellata, li l-Kummissjoni kellha tibgħat lill-appellanti, matul il-proċedura amministrattiva, l-"evalwazzjonijiet xjentifiċi" tagħha stess fuq l-awtentiċità ta' din il-posta elettronika. Fil-fatt, dawn l-evalwazzjonijiet kienu jikkostitwixxu provi kontra peress li huma wasslu lill-Kummissjoni tikkonkludi li l-imsemmija posta elettronika kienet tikkostitwixxi prova kredibbli tal-parteċipazzjoni tal-appellanti fil-ksur inkwistjoni. Madankollu, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, fil-punt 85 ta' dik is-sentenza, li l-ommissjoni li tibgħat l-imsemmija evalwazzjonijiet lill-appellanti baqgħet ma affettwatx ir-riżultat li għaliha waslet il-Kummissjoni fid-Deċiżjoni kontenzjuża, b'mod li hija ċaħdet l-ilment tal-appellanti fil-punt 86 tal-imsemmija sentenza.

23. Inkwantu l-appellanti kkontestat il-valur probatorju ta' dikjarazzjoni ta' impjegat ta' Samsung peress li dikjarazzjoni falza ma kinitx tikkostitwixxi reat kriminali fir-Repubblika tal-Korea u li, wara li fallew il-proċedimenti ta' riżolviment tat-tilwim, Samsung kellha interess speċifiku biex "iżżejjen il-fatti", il-Qorti Ġenerali, fil-punt 93 tas-sentenza appellata kkunsidrat, essenzjalment, li Samsung, bħala applikanta skont l-Avviż dwar il-kooperazzjoni, kienet qed tirriskja li titlef il-benefiċċju ta' din il-kooperazzjoni f'każ ta' dikjarazzjoni falza.

24. Il-Qorti Ġenerali skartat argument imressaq mill-appellanti fil-kuntest tat-tieni motiv u bbażat fuq il-fatt li l-Kummissjoni kellha titlob perizja indipendenti fuq il-verżjoni elettronika tal-posta elettronika tat-3 ta' Novembru 2003 fl-assenza ta' prova valida tal-awtentiċità tagħha. Fil-punt 118 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali bbażat ir-risposta tagħha għal dan l-argument fuq il-motiv li l-Kummissjoni tgawdi ċerta marġni ta' diskrezzjoni biex tiddeċiedi l-miżuri supplimentari li għandhom jittieħdu u li, f'dan il-każ, l-appellanti ma wrietx, meħud kont tal-perizji li ġew ipprovduti lilha u tal-evalwazzjonijiet xjentifiċi tagħha stess, li kellha ssir tali domanda.

25. Fil-kuntest tal-analiżi tat-tielet motiv, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 101(1) TFUE u maqsum f'erba' partijiet, il-Qorti Ġenerali eżaminat, b'mod partikolari, l-allegazzjonijiet tal-appellanti dwar l-assenza ta' kredibbiltà tal-provi prodotti minn Samsung u l-prova tal-eżistenza ta' ksur imwettaq mill-appellanti.

26. F'dan ir-rigward, fil-punti 143 sa 158 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali eżaminat l-argumenti tal-appellanti intiżi li jikkontestaw, fil-kuntest tat-tieni parti mressqa insostenn tat-tielet motiv, il-kredibbiltà tal-provi prodotti minn Samsung.

27. Fl-ewwel lok, il-Qorti Ġenerali ċaħdet dawn l-argumenti, fil-punti 143 u 144 ta' din is-sentenza, bħala li huma infondati minħabba li, anki jekk wieħed jippreżumi li kellu jiġi kkunsidrat li Samsung ma tikkostitwixxix xhud kredibbli u li għandhom jiġu skartati d-dikjarazzjonijiet u l-provi dokumentarji li hija pprovdiet, dan ma jippreġudikax l-evalwazzjonijiet tal-Kummissjoni, li huma bbażati fuq id-dikjarazzjonijiet u l-provi dokumentarji prodotti minn Renesas, li jistabbilixxu li l-appellanti kellha kuntatti antikompetittivi ma' din tal-aħħar, bħalma huma dawk li seħħew fil-31 ta' Marzu 2005. Il-Qorti Ġenerali rreferiet, f'dan ir-rigward, għall-punti 193 sa 201 tas-sentenza tagħha, fejn jiġi ppreċiżat li, fil-punti 197 sa 206 tas-sentenza msemmija, il-Qorti Ġenerali eżaminat u skartat l-argumenti tal-appellanti intiżi li jikkontestaw dan il-kuntatt.

28. Fit-tieni lok, "u b'mod superfluwu", il-Qorti Ġenerali eżaminat u ċaħdet, fil-punti 145 sa 157 tas-sentenza appellata, l-ilmenti tal-appellanti intiżi li jikkontestaw il-kredibbiltà ta' Samsung bħala xhud u l-kredibbiltà tad-dikjarazzjonijiet u provi ta' din tal-aħħar.

29. F'dan il-kuntest, minn naħa, il-Qorti Ġenerali rrilevat b'mod partikolari li, peress li l-appellanti ma kkontestatx l-evalwazzjonijiet tal-Kummissjoni fejn din ikkonkludiet li d-dikjarazzjonijiet u l-provi ta' Samsung kienu kkorroborati minn membri oħra tal-kartell, b'mod partikolari, minn Renesas u NXP [6], l-argumenti kollha intiżi li jiskreditaw lil Samsung bħala xhud affidabbli kellhom jiġu miċħuda bħala ineffettivi (punti 146 sa 149 tas-sentenza appellata). Min-naħa l-oħra, il-Qorti Ġenerali rrispondiet għall-ilmenti tal-appellanti dwar l-affidabbiltà tal-provi kkunsidrati mill-Kummissjoni biex ikkonstatat il-kuntatti tat-3 u tas-7 ta' Novembru 2003 (punti 152 sa 157 tas-sentenza appellata).

30. Fil-punti 159 sa 208 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali eżaminat it-tielet parti mressqa insostenn ta' dan il-motiv, dwar il-prova tal-eżistenza ta' ksur tal-Artikolu 101 TFUE. L-appellanti allegat li ebda wieħed mill-ħdax-il kuntatt li hija kellha mal-kompetituri tagħha ma kien jikser din id-dispożizzjoni. F'dan il-kuntest, il-Qorti Ġenerali ppreċiżat, fil-punt 160 tas-sentenza appellata, li "r-rikorrenti ma [kkontestatx] l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni li l-prezzijiet kienu stabbiliti, bħala prinċipju, fuq bażi annwali, ħaġa li toħroġ ukoll mid-diskussjonijiet li fihom ħadet sehem ir-rikorrenti.

6 Jirriżulta mid-Deċiżjoni kontenzjuża li NXP ħadet in-negozju ta' Philips b'effett mill-ħolqien tagħha fid-29 ta' Settembru 2006. Il-Kummissjoni kkunsidrat li NXP ma kinitx ipparteċipat fil-ksur inkwistjoni.

F'dawn iċ-ċirkustanzi, huwa biżżejjed li jiġi eżaminat, għas-snin 2003 sal-2005, jekk ir-rikorrenti pparteċipatx f'diskussjoni antikompetittiva waħda, jew jekk ikun il-każ, tnejn, matul kull waħda minn dawn it-tliet snin, ma' Samsung jew Renesas, biex tiġi kkonstatata l-eżistenza jew in-nuqqas ta' eżistenza ta' ksur tal-Artikolu 101 TFUE".

31. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti Ġenerali dehrilha opportun li teżamina, b'mod preliminari, ħames kuntatti bejn l-appellanti u Samsung jew Renesas, jiġifieri l-kuntatti tal-24 ta' Settembru 2003 (l-ewwel kuntatt), tat-3 ta' Novembru 2003 (it-tieni kuntatt), tat-18 ta' Marzu 2004 (is-sitt kuntatt), tal-1 sat-8 ta' Ġunju 2004 (is-seba' kuntatt) u tal-31 ta' Marzu 2005 (il-ħdax-il kuntatt), fejn dawn l-ewwel u l-aħħar kuntatt jimmarkaw, skont il-Kummissjoni, il-bidu u t-tmiem rispettiv tal-parteċipazzjoni tal-appellanti fil-ksur inkwistjoni.

32. Skont il-Qorti Ġenerali, kien biss fil-każ fejn dawn il-ħames kuntatti ma kinux jippermettu li tiġi kkonstatata l-eżistenza tal-ksur inkwistjoni li kellu jiġi eżaminat jekk il-kuntatti l-oħra, bħalma huwa dak tas-17 ta' Novembru 2003, li l-appellanti sostniet li ma kinux illegali, kinux jikkontribwixxu jew le għall-eżistenza ta' dan il-ksur.

33. Il-Qorti Ġenerali eżaminat mbagħad u ċaħdet l-argumenti kollha mressqa mill-appellanti fuq dawn il-ħames kuntatti.

34. B'mod partikolari, fir-rigward tal-kuntatt tal-24 ta' Settembru 2003 bejn l-appellanti u Samsung, eżaminat fil-punti 161 sa 176 tas-sentenza appellata, minn naħa l-Qorti Ġenerali kkunsidrat, fil-punti 164 sa 166 tas-sentenza tagħha, li l-iskambju tal-informazzjoni inkwistjoni fuq il-prezzijiet, il-kapaċitajiet attwali u futuri u l-evoluzzjoni teknoloġika kkontemplata kien tali, b'mod partikolari f'suq fejn il-provvista u d-domanda huma kkonċentrati, li jinfluwenzaw direttament l-istrateġija kummerċjali tal-kompetituri. Il-Qorti Ġenerali ppreċiżat, fil-punt 168 ta' din is-sentenza, li ebda wieħed mill-argumenti tal-appellanti ma kien jippermetti li tiġi kkontradetta l-konstatazzjoni li, tal-inqas, din u Samsung kienu skambjaw informazzjoni fuq il-previżjonijiet tal-prezz tas-sena sussegwenti.

35. Min-naħa l-oħra, fil-punti 173 sa 175 tas-sentenza msemmija, il-Qorti Ġenerali kklassifikat dan l-iskambju ta' informazzjoni, fil-fehma tagħha sensittiva, bħala ksur minħabba l-għan tiegħu, meħud kont tal-kuntest ekonomiku u legali tas-suq inkwistjoni, kif espost, mingħajr kontestazzjoni quddiemha mill-appellanti, fil-premessa 59 tad-Deċiżjoni kontenzjuża.

36. Fir-rigward, b'mod iktar speċifiku, tad-diskussjonijiet li jirrigwardaw il-kapaċità tal-produzzjoni, il-Qorti Ġenerali żiedet, fil-punt 176 tal-istess sentenza, li, minn naħa, peress li l-Kummissjoni kienet identifikat ir-raġunijiet li għalihom hija kkunsidrat li l-iskambju ta' informazzjoni fuq il-kapaċitajiet kien, fid-dawl tal-karatteristiċi tas-suq, ta' natura li jirrestrinġi l-kompetizzjoni, hija ma kinitx obbligata turi l-eżistenza ta' effetti antikompetittivi fuq is-suq biex tikkwalifika l-prattika inkwistjoni bħala ksur. Min-naħa l-oħra, anki jekk wieħed jippreżumi li l-iskambju ta' informazzjoni fuq il-kapaċitajiet ma kienx, waħdu, suffiċjenti biex jiġi kkonstatat il-ksur minħabba l-għan, xorta waħda jibqa' l-fatt li, skont il-Qorti Ġenerali, l-appellanti ma kkontestatx il-fatt li l-Kummissjoni kienet ikkonstatat ġustament li l-iskambju ta' informazzjoni fuq il-prezzijiet futuri kien ksur minħabba l-għan tiegħu.

37. Fir-rigward tal-kuntatt tat-3 ta' Novembru 2003 bejn l-appellanti u Samsung, eżaminat fil-punti 177 sa 185 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali rrilevat, minn naħa, li l-appellanti ma kinitx ipprovat li r-raġunijiet oġġettivi mressqa mill-Kummissjoni biex tiġġustifika l-eżistenza ta' diversi verżjonijiet tal-posta elettronika tal-istess data, li l-appellanti tikkontesta n-natura awtentika tagħha, kienu żbaljati. Fi kwalunkwe każ, jeżisti sensiela ta' indizji li jirriżultaw minn provi oħrajn li skonthom kienu saru d-diskussjonijiet illegali msemmija fl-imsemmija posta elettronika. Il-Qorti Ġenerali eżaminat il-posta elettronika ta' impjegat ta' Renesas tas-7 ta' Ottubru 2003 u l-posta elettronika ta' impjegat ta' Samsung tas-7 ta' Novembru 2003 (punti 181 sa 183 tas-sentenza appellata).

38. Min-naħa l-oħra, b'risposta għall-argument li l-kuntatt tat-3 ta' Novembru 2003 ma kienx jikkostitwixxi restrizzjoni tal-kompetizzjoni minħabba l-għan, il-Qorti Ġenerali sostniet li kien suffiċjenti li jiġi kkonstatat li l-Kummissjoni ma kinitx obbligata tistabbilixxi għal kull diskussjoni illegali li din tal-aħħar tikkostitwixxi tali restrizzjoni, peress li hija stabbilixxiet li l-prattiki inkwistjoni, meħudin kollha flimkien, jikkostitwixxu restrizzjoni tal-kompetizzjoni minħabba l-għan (punt 185 tas-sentenza appellata).

39. Fir-rigward tal-kuntatt mill-1 sat-8 ta' Ġunju 2004 bejn l-appellanti u Samsung, il-Qorti Ġenerali ċaħdet, fil-punti 192 sa 196 tas-sentenza appellata, l-argumenti tal-appellanti. B'riferiment għall-premessa 216 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, din kienet ibbażata fuq dokument li ħareġ mingħand Samsung biex tikkonstata l-eżistenza ta' skambju ta' informazzjoni sensittiva.

40. Fi tmiem l-eżami tal-ħames kuntatti msemmija iktar 'il fuq, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet, fil-punt 207 tas-sentenza appellata, "li l-Kummissjoni ma wettqitx żball meta kkunsidrat li r-rikorrenti kienet ipparteċipat f'diskussjonijiet antikompetittivi ma' Samsung u Renesas bejn l-24 ta' Settembru 2003 u l-31 ta' Marzu 2005".

41. B'risposta għar-raba' parti mressqa mill-appellanti insostenn tat-tielet motiv u bbażata fuq li, meħud kont tan-natura indiviżibbli tal-ksur inkwistjoni, il-Qorti Ġenerali setgħat biss tannulla d-Deċiżjoni kontenzjuża kollha kemm hi, jekk hija kkonkludiet b'mod partikolari li l-kuntatti tat-3 u tas-17 ta' Novembru 2003 ma kinux antikompetittivi, il-Qorti Ġenerali sostniet, fil-punt 211 tas-sentenza appellata: "kif ġie kkonstatat fil-punt 160 [tas-sentenza appellata], ir-rikorrenti ma kkontestatx li l-iffissar tal-prezz fis-suq inkwistjoni kien bħala prinċipju annwali. Peress li ġie kkonstatat […] li l-Kummissjoni ma wettqet ebda żball meta kkonstatat il-parteċipazzjoni tar-rikorrenti f'ħames kuntatti illegali bejn l-2003 u l-2005, il-fatt li hija kkonkludiet ħażin li l-kuntatti l-oħra li hija kkunsidrat, bħalma huma dawk tas-17 ta' Novembru 2003, ma kinux fir-realtà [kompetittivi] ma jbiddilx il-konstatazzjoni li r-rikorrenti pparteċipat fi ksur uniku u kontinwu matul dawn it-tliet snin. Għaldaqstant, b'kuntrast għal dak li sostniet ir-rikorrenti waqt is-seduta, għalkemm il-kuntatti barra minn dawk il-ħamsa msemmija iktar 'il fuq ma jiksrux l-Artikolu 101 TFUE, xorta jibqa' l-fatt li l-Kummissjoi pprovat b'mod suffiċjenti fid-dritt li hija kienet ipparteċipat fil-ksur inkwistjoni".

42. Fir-rigward tar-raba' motiv imressaq mill-appellanti b'mod sussidjarju u bbażat fuq applikazzjoni żbaljata tal-kunċett "ta' ksur uniku u kontinwu", il-Qorti Ġenerali, fil-punt 215 tas-sentenza appellata, ġabret fil-qosor il-premessi 285 sa 315 tad-Deċiżjoni kontenzjuża. Hija fakkret ukoll, fil-punti 216 sa 223 ta' dik is-sentenza, il-ġurisprudenza dwar il-konstatazzjoni tal-eżistenza ta' tali ksur u dwar il-parteċipazzjoni ta' impriża f'tali ksur.

43. Huwa fid-dawl ta' din il-ġurisprudenza li l-Qorti Ġenerali eżaminat, imbagħad, il-ħames ilmenti tal-appellanti. B'mod partikolari, minn naħa, il-Qorti Ġenerali ċaħdet, fil-punti 226 sa 232 tas-sentenza appellata, ilment ibbażat fuq kontradizzjoni fid-Deċiżjoni kontenzjuża. Wara analiżi tal-motivi u tad-dispożittiv ta' din id-deċiżjoni, ġie kkonstatat li, "għalkemm, fid-dispożittiv tagħha, il-Kummissjoni kkonkludiet, mingħajr ma għamlet distinzjoni bejn l-erba' destinatarji tal-imsemmija deċiżjoni, li kulħadd kien ipparteċipa fil-ksur inkwistjoni, il-motivi tal-imsemmija deċiżjoni jindikaw mingħajr ambigwità li l-Kummissjoni kkunsidrat li dawn l-impriżi kienu pparteċipaw fi ksur uniku u kontinwu, mingħajr preġudizzju għall-fatt li r-rikorrenti ma setgħatx, għad-differenza tat-tliet impriżi ssanzjonati l-oħra, tinżamm responsabbli għall-ksur inkwistjoni kollu kemm hu" (punt 229 ta' din is-sentenza). Madankollu, filwaqt li interpretat id-dispożittiv tad-Deċiżjoni kontenzjuża fid-dawl ukoll tal-motivi tagħha, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, fil-punt 231 ta' din is-sentenza, "li d-dispożittiv għandu jinftiehem fis-sens li [l-Kummissjoni] ma timputax lir-rikorrenti r-responsabbiltà għall-ksur inkwistjoni kollu kemm hu, għad-differenza tad-destinatarji l-oħra tad-deċiżjoni [kontenzjuża], imma timputalha r-responsabbiltà ta' dan il-ksur inkwantu hija għamlet kuntatti illegali ma' Samsung u Renesas. Għalkemm teżisti ċerta traskuraġni fil-formulazzjoni tad-dispożittiv tad-deċiżjoni [kontenzjuża], […] xorta waħda jibqa' l-fatt li d-dispożittiv tal-imsemmija deċiżjoni ma hijiex f'kuntradizzjoni mal-motivi tagħha".

44. Min-naħa l-oħra, fil-punti 236 sa 240 ta' din is-sentenza, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ukoll l-ilment ibbażat fuq ksur tal-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' proporzjonalità fil-kalkolu tal-multa. Fil-punt 239 ta' din is-sentenza, ġiet miċħuda b'mod partikolari l-kontestazzjoni tat-tnaqqis ta' 20 % mill-multa li l-Kummissjoni kienet tat lill-appellanti minħabba ċirkustanzi attenwanti minħabba l-parteċipazzjoni limitata tagħha fil-ksur inkwistjoni, minħabba li "r-rikorrenti ma tressaq ebda argument speċifiku li jippermetti li jiġi kkunsidrat li tnaqqis ta' 20 % mill-ammont tal-multa ma huwiex proporzjonat, f'dan il-każ, mal-fatt li hija kienet ipparteċipat biss parzjalment fil-ksur inkwistjoni".

45. Il-kalkolu tal-multa ġie eżaminat mill-Qorti Ġenerali fil-kuntest tal-ħames u s-sitt motivi mressqa mill-appellanti.

46. Fil-kuntest tal-eżami, fil-punti 255 sa 259 tas-sentenza appellata, tal-ħames motiv ibbażat fuq żball fil-kalkolu tal-multa inkwantu l-appellanti ma kinitx ipparteċipat f'kuntatti li jaffettwaw l-ismart card chips li ma humiex għas-SIM cards, il-Qorti Ġenerali rrilevat, minn naħa, li l-prezz ta' dawn l-ismart card chips kien issemma waqt kuntatt ma' Samsung tal-24 ta' Settembru 2003 u li l-argumenti tal-appellanti ma kinux jippermettu li dawn jiġu kkontestati (punti 255 u 256 ta' dik is-sentenza). Min-naħa l-oħra, il-Qorti Ġenerali żiedet li, "fi kwalunkwe każ [...] ir-rikorrenti ma tressaq ebda argument fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha intiż li jikkontesta l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni, li tinsab fil-premessa 221 tad-deċiżjoni [kontenzjuża] u fl-osservazzjonijiet tagħha, li teżisti korrelazzjoni bejn l-ismart card chips għas-SIM cards u l-ismart card chips li ma humiex għas-SIM cards" (punt 257 tas-sentenza msemmija) u ċaħdet bħala ineffettiv l-argument tal-appellanti fejn tgħid li dawn iż-żewġ tipi ta' smart card chips ma kinux jappartjenu lill-istess suq ta' prodotti (punt 258 tal-istess sentenza).

47. Fil-kuntest tas-sitt motiv, ibbażat fuq ksur tal-Linji Gwida għall-kalkolu tal-multi u tal-prinċipju ta' proporzjonalità, il-Qorti Ġenerali kkonstatat, b'mod partikolari, fil-punt 270 tas-sentenza appellata, li l-multa imposta lill-appellanti ma kinitx tikser il-prinċipju ta' proporzjonalità. Essenzjalment, il-Qorti Ġenerali bbażat din il-konklużjoni fuq il-motiv, imsemmi fil-punt 269 ta' dik is-sentenza, li l-ammont tal-multa imposta lill-appellanti jsib spjegazzjoni fid-dawl tad-dħul mill-bejgħ ħafna ikbar minn dak tal-impriżi ssanzjonati l-oħrajn u huwa biss rifless tal-importanza ekonomika tal-parteċipazzjoni tagħha stess fil-ksur inkwistjoni, u dan wara li jiġi ppreċiżat li l-parti mid-dħul mill-bejgħ globali provenjenti mill-bejgħ tal-prodotti li huma s-suġġett tal-ksur inkwistjoni hija l-aħjar waħda biex tirrifletti l-importanza ekonomika ta' dan il-ksur.

## IV. It-talbiet tal-partijiet u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

48. Permezz tal-appell tagħha, l-appellanti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tannulla s-sentenza appellata;

– tannulla d-Deċiżjoni kontenzjuża sa fejn tikkonċerna lill-appellanti;

– b'mod sussidjarju, tnaqqas il-multa fl-ammont ta' EUR 82 874 000 imposta fuq l-appellanti permezz tal-premessa 457(a) tad-Deċiżjoni kontenzjuża għal ammont proporzjonat;

– sussidjarjament, tibgħat il-kawża lura quddiem il-Qorti Ġenerali biex terġa' tiġi eżaminata, u

– tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

49. Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tiċħad l-appell;

– b'mod sussidjarju, tiċħad it-talba għat-tnaqqis tal-multa imposta fuq l-appellanti, u

– tikkundanna lill-appellanti għall-ispejjeż.

## V. Fuq l-appell

50. Insostenn tal-appell tagħha, l-appellanti tressaq tliet aggravji li jikkorrispondu, essenzjalment, għat-"tliet kwistjonijiet ta' liġi" fformulati fil-punt 2 tal-appell tagħha. Għaldaqstant l-ewwel aggravju huwa bbażat fuq ksur tal-Artikolu 263 TFUE minħabba stħarriġ ġudizzjarju mhux komplut u selettiv. Huwa fil-kuntest ta' dan l-aggravju li tqum il-kwistjoni partikolari tal-awtentiċità ta' ċerti provi u tal-konsegwenzi li jirriżultaw minnhom fuq l-oneru tal-prova. Dan l-ewwel aggravju huwa intrinsikament marbut mat-tielet wieħed, li huwa bbażat fuq żbalji ta' liġi fir-rigward tal-kalkolu tal-multa imposta fuq l-appellanti u fuq ksur tal-ġurisdizzjoni sħiħa. Fl-aħħar nett, it-tieni aggravju jirrigwarda l-Artikolu 101 TFUE u, b'mod iktar preċiż, il-kunċetti ta' restrizzjoni tal-kompetizzjoni minħabba l-għan u tal-ksur uniku u kontinwu.

51. Il-kwistjonijiet ta' liġi li l-Qorti tal-Ġustizzja tixtieq jiġu ttrattati f'dawn il-konklużjonijiet jinsabu ttrattati fl-ewwel żewġ partijiet tal-ewwel aggravju flimkien mat-tielet aggravju. Fil-fatt, kif jinsab indikat fil-punt 2 ta' dawn il-konklużjonijiet, dawn jirrigwardaw, minn naħa, ir-rekwiżit tal-istħarriġ ġudizzjarju effettiv, peress li din il-kwistjoni hija marbuta, f'dan il-każ, mal-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni sħiħa u, min-naħa l-oħra, mal-kontestazzjoni tal-awtentiċità tal-provi kkunsidrati mill-Kummissjoni.

### *A. Fuq l-istħarriġ ġudizzjarju effettiv u l-ġurisdizzjoni sħiħa (l-ewwel parti tal-ewwel aggravju flimkien mat-tielet aggravju)*

#### *1. L-argumenti tal-partijiet*

52. Permezz tal-ewwel parti tal-ewwel aggravju tal-appell tagħha, l-appellanti tikkontesta b'mod partikolari l-konklużjonijiet fil-punt 160 tas-sentenza appellata, li tikkostitwixxi l-punt tat-tluq ta' stħarriġ li l-appellanti tqis bħala insuffiċjenti.

53. Essenzjalment, hija tikkritika lill-Qorti Ġenerali li eżaminat biss ħamsa minn ħdax-il kuntatt allegatament illegali ikkonstatati mill-Kummissjoni filwaqt li hija kienet ikkontestathom kollha. Issa, l-illegalità tal-evalwazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar kuntatt wieħed jew ieħor li ġew ikkontestati kellha twassal għall-annullament tal-konklużjonijiet korrispondenti tal-Kummissjoni fid-Deċiżjoni kontenzjuża.

54. L-appellanti ssostni għaldaqstant li l-istħarriġ ġudizzjarju magħmul mill-Qorti Ġenerali huwa, fiċ-ċirkustanzi msemmija fil-punt 160 tas-sentenza appellata, mhux komplut u huwa selettiv, u li, konsegwentement, imur kontra l-Artikolu 263 TFUE. Dan l-istħarriġ parzjali jivvizzja wkoll is-sentenza appellata b'nuqqas ta' motivazzjoni.

55. Barra minn hekk, il-kuntatti eżaminati huma insuffiċjenti biex jikkorroboraw il-konstatazzjoni ta' ksur uniku u kontinwu, fil-fehma tal-appellanti.

56. Fl-aħħar nett, tali stħarriġ selettiv lanqas ma ppermetta lill-Qorti Ġenerali tevalwa b'mod sħiħ il-gravità tal-ksur allegat u lanqas li tistħarreġ suffiċjentement il-multa imposta. Dan l-aħħar argument huwa riprodott u żviluppat fil-kuntest tat-tielet aggravju dwar l-iżbalji ta' liġi li l-Qorti Ġenerali jingħad li għamlet fid-determinazzjoni tal-ammont tal-multa.

57. Il-Kummissjoni tikkontesta l-fondatezza ta' dawn l-argumenti kollha invokati mill-appellanti.

58. Għal dak li jikkonċerna b'mod iktar preċiż il-kritika tal-punt 160 tas-sentenza appellata, il-Kummissjoni ssostni li, peress li l-appellanti ma kkontestatx il-konklużjoni li l-prezzijiet tal-ismart card chips kienu stabbiliti, bħala prinċipju, fuq bażi annwali, il-Qorti Ġenerali setgħat tillimita ruħha biex tivverifika li l-appellanti kienet ipparteċipat tal-inqas f'kuntatt antikompetittiv kull sena matul il-perijodu bejn is-snin 2003 u 2005. Fil-fatt, ikun biżżejjed li r-riżultati ekonomiċi li l-kuntatti antikompetittivi jkollhom ikomplu l-effetti tagħhom wara d-data li fiha jkunu seħħew. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti Ġenerali ma kinitx obbligata tiġġustifika l-għażla tagħha tal-ħames kuntatti li hija eżaminat u lanqas l-assenza ta' eżami tal-parteċipazzjoni tal-appellanti fis-sitt kuntatti l-oħra. L-appellanti ma kien ikollha ebda interess tirċievi spjegazzjonijiet f'dan ir-rigward.

59. Barra minn hekk, b'kuntrast ma' dak li ssostni l-appellanti, l-approċċ tal-Qorti Ġenerali ma pprekludihiex milli tirrispondi b'mod korrett għall-argumenti dwar il-gravità tal-ksur u l-ammont tal-multa.

*2. Analiżi*

*a) Fuq in-natura ambivalenti tal-istħarriġ ġudizzjarju tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni dwar il-proċeduri ta' applikazzjoni tal-Artikoli 101 TFUE u 102 TFUE*

60. Skont il-punt 160 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali rrilevat li l-appellanti ma kkontestatx l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni li l-prezzijiet kienu ddeterminati, bħala prinċipju, fuq bażi annwali. Abbażi ta' din il-konstatazzjoni, hija ddeċidiet li "[kien] biżżejjed li jiġi eżaminat, għas-snin 2003 sal-2005, jekk ir-rikorrenti [kinitx ipparteċipat] f'diskussjoni antikompetittiva waħda, jew jekk ikun l-każ, tnejn, matul kull waħda minn dawn it-tliet snin, ma' Samsung jew Renesas, biex tiġi kkonstatata l-eżistenza jew in-nuqqas ta' eżistenza ta' ksur tal-Artikolu 101 TFUE. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti Ġenerali [qieset] opportun teżamina, preliminarjament, ħames kuntatti bejn ir-rikorrenti u Samsung jew Renesas […], fejn l-ewwel u l-aħħar kuntatti jimmarkaw, skont il-Kummissjoni, rispettivament il-bidu u tmiem tal-parteċipazzjoni tar-rikorrenti fil-ksur inkwistjoni. Għaldaqstant, huwa biss f'każ li dawn il-ħames kuntatti ma jippermettux li tiġi stabbilita l-eżistenza tal-ksur inkwistjoni li l-Qorti Ġenerali ser teżamina jekk il-kuntatti l-oħra, bħalma huwa dak tas-17 ta' Novembru 2003, li fir-rigward tagħhom ir-rikorrenti ssostni fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha u waqt is-seduta li ma kinux illegali, jikkontribbwixxux jew le biex tiġi kkonstatata l-eżistenza ta' dan il-ksur".

61. Peress li l-Qorti Ġenerali kkonfermat il-konklużjonijiet li waslet għalihom il-Kummissjoni fir-rigward tal-ħames kuntatti li hija għażlet li tistħarreġ, hija kkonfermat il-parteċipazzjoni tal-appellanti fil-ksur inkwistjoni mingħajr ma eżaminat l-argumenti invokati fir-rigward tal-kuntatti l-oħra.

62. Fil-fatt, fil-punt 211 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li "peress li l-Kummissjoni ma wettqet ebda żball meta kkonstatat il-parteċipazzjoni tar-rikorrenti f'ħames kuntatti illegali bejn l-2003 u l-2005, il-fatt li hija kkonkludiet b'mod żbaljat li l-kuntatti l-oħra li hija kkunsidrat, bħalma huma dak tas-17 ta' Novembru 2003, ma kinux fir-realtà [kompetittivi] ma jbiddilx il-konstatazzjoni li r-rikorrenti pparteċipat fi ksur uniku u kontinwu matul dawn it-tliet snin. Għaldaqstant, b'kuntrast ma' dak li ssostni r-rikorrenti waqt is-seduta, anki jekk il-kuntatti barra minn dawk il-ħamsa msemmija iktar 'il fuq ma jiksrux l-Artikolu 101 TFUE, xorta waħda jibqa' l-fatt li l-Kummissjoni pprovat b'mod suffiċjenti fid-dritt li hija kienet ipparteċipat fil-ksur inkwistjoni".

63. Il-punt 160 tas-sentenza appellata jikkostitwixxi għaldaqstant il-qalba tal-kritika magħmula mill-appellanti. B'kuntrast mal-"għażla" li hija għamlet f'dan il-punt tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kellha tipproċedi bi stħarriġ eżawrjenti tal-kuntatti kollha kkontestati mill-appellanti.

64. Is-sistema ta' stħarriġ ġudizzjarju tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni dwar il-proċeduri ta' applikazzjoni tal-Artikoli 101 TFUE u 102 TFUE tinvolvi żewġ partijiet. Minn naħa, hija bbażata fuq l-istħarriġ "klassiku" tal-legalità tal-atti tal-istituzzjonijiet stabbilit fl-Artikolu 263 TFUE u jista', min-naħa l-oħra, jkun ikkompletat bl-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni sħiħa, abbażi tal-Artikolu 261 TFUE u fuq talba tal-appellanti, għal dak li jikkonċerna s-sanzjonijiet imposti f'dan il-qasam mill-Kummissjoni [7].

*b) Fuq il-portata tal-istħarriġ tal-legalità*

65. F'dan il-każ, il-Kummissjoni kkonstatat fid-Deċiżjoni kontenzjuża l-eżistenza ta' ksur uniku u kontinwu. Tali ksur jista' jkun iddefinit bħala r-riżultat ta' aġir kontinwu magħmul minn diversi azzjonijiet li jaqgħu fi "pjan ġenerali", minħabba l-għan identiku tagħhom ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni ġewwa s-suq komuni, minkejja li wieħed jew diversi mill-elementi jistgħu jikkostitwixxu, wkoll, waħedhom jew meħudin iżolament, ksur tal-Artikolu 101 TFUE. Fil-kuntest ta' tali ksur, il-Kummissjoni għandha dritt timputa r-responsabbiltà għal dawn l-azzjonijiet skont il-parteċipazzjoni fil-ksur ikkunsidrat kollu kemm hu [8].

66. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li "[i]mpriża li tkun ipparteċipat fi ksur uniku u kumpless minħabba f'aġir tagħha stess, li kien jaqa' taħt kunċetti ta' ftehim jew ta' prattika miftiehma li għandha għan antikompetittiv fis-sens tal-Artikolu [101(1) TFUE] u li kienu intiżi sabiex jikkontribwixxu għat-twettiq tal-ksur kollu kemm hu tista' wkoll tkun responsabbli għall-aġir ta' impriżi oħra fil-kuntest tal-istess ksur għall-perijodu kollu tal-parteċipazzjoni tagħha għall-imsemmi ksur" [9].

67. Huwa f'dan il-kuntest ta' tali ksur uniku u kontinwu li l-Qorti Ġenerali dehrilha li tista' tistħarreġ il-legalità tad-Deċiżjoni kontenzjuża billi tillimita l-eżami tagħha għall-verifika tal-parteċipazzjoni tal-appellanti "f'diskussjoni antikompetittiva waħda, jew jekk huwa l-każ, fi tnejn, matul kull waħda minn dawn it-tliet snin [(jiġifieri mis-sena 2003 sas-sena 2005)]" [10], li l-kuntatti fihom jimmarkaw, skont il-Kummissjoni, il-bidu u tmiem il-ksur imwettaq mill-appellanti.

68. Peress li l-Qorti Ġenerali kienet irrilevat, bħala premessa għal dik l-għażla, li l-appellanti ma kkontestatx l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni li l-prezzijiet kienu ddeterminati, bħala prinċipju, fuq bażi annwali, ma nara ebda żnaturament tal-karatteristiċi tal-ksur inkwistjoni.

69. Fil-fatt, il-fatt li impriża ma tipparteċipax fl-elementi kollha ta' akkordju jew li hija kellha rwol minuri fl-aspetti li fihom hija kienet ipparteċipat ma huwiex rilevanti sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' ksur fil-kap tagħha; dawn l-elementi għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni matul l-evalwazzjoni tal-gravità tal-ksur u, fejn xieraq, għad-determinazzjoni tal-multa [11]. Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali, mingħajr ma twettaq żball ta' liġi setgħat, fl-istadju tal-istħarriġ tal-legalità, tillimita l-eżami tagħha għal ħames diskussjonijiet antikompetittivi mqassma fuq it-tliet snin tal-perijodu li fih sar il-ksur.

7 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-10 ta' Lulju 2014, Telefónica u Telefónica de España vs Il-Kummissjoni (C-295/12 P, EU:C:2014:2062, punt 42); tal-21 ta' Jannar 2016, Galp Energía España *et* vs Il-Kummissjoni (C-603/13 P, EU:C:2016:38, punt 71), kif ukoll tas-26 ta' Jannar 2017, Aloys F. Dornbracht vs Il-Kummissjoni (C-604/13 P, EU:C:2017:45, punt 52).

8 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-7 ta' Jannar 2004, Aalborg Portland *et* vs Il-Kummissjoni (C-204/00 P, C-205/00 P, C-211/00 P, C-213/00 P, C-217/00 P u C-219/00 P, EU:C:2004:6, punt 258); tas-6 ta' Diċembru 2012, Il-Kummissjoni vs Verhuizingen Coppens (C-441/11 P, EU:C:2012:778, punt 41), kif ukoll tal-11 ta' Lulju 2013, Team Relocations *et* vs Il-Kummissjoni (C-444/11 P, mhux ippubblikata, EU:C:2013:464, punt 49).

9 Sentenzi tas-6 ta' Diċembru 2012, Il-Kummissjoni vs Verhuizingen Coppens (C-441/11 P, EU:C:2012:778, punt 42), u tal-11 ta' Lulju 2013, Team Relocations *et* vs Il-Kummissjoni (C-444/11 P, mhux ippubblikata, EU:C:2013:464, punt 50).

10 Punt 160 tas-sentenza appellata.

11 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-7 ta' Jannar 2004, Aalborg Portland *et* vs Il-Kummissjoni (C-204/00 P, C-205/00 P, C-211/00 P, C-213/00 P, C-217/00 P u C-219/00 P, EU:C:2004:6, punt 86), u tas-6 ta' Diċembru 2012, Il-Kummissjoni vs Verhuizingen Coppens (C-441/11 P, EU:C:2012:778, punt 45).

70. Ċertament, fil-kuntest tal-ħames parti tal-ewwel aggravju, l-appellanti tikkontesta l-konstatazzjoni preliminari tal-Qorti Ġenerali dwar l-annwalità tad-determinazzjoni tal-prezzijiet[12]. Madankollu, l-argument jidher li huwa inammissibbli peress li n-natura żbaljata tal-allegazzjoni ma tressqitx quddiem il-Qorti Ġenerali mentri l-Kummissjoni bbażat espressament id-Deċiżjoni kontenzjuża fuq il-fatt li l-prezzijiet tal-ismart card chips kienu stabbiliti, bħala prinċipju, fuq bażi annwali[13]. Fi kwalunkwe każ, huwa infondat peress li l-appellanti ma turix żnaturament f'dan ir-rigward. Billi tippreċiża, fil-punt 160 tas-sentenza appellata, li "l-prezzijiet kienu stabbiliti, *bħala prinċipju*, fuq bażi annwali"[14], il-Qorti Ġenerali ċertament ma llimitatx l-iffissar tal-prezzijiet għal perjodiċità esklużivament annwali.

*c) Fuq il-portata tal-istħarriġ sħiħ*

71. Min-naħa l-oħra, il-kwistjoni tal-portata tal-istħarriġ li kellha tagħmel il-Qorti Ġenerali jidhirli li hija differenti fil-kuntest tat-tieni aspett tas-sistema ta' stħarriġ ġudizzjarju tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni dwar il-proċeduri ta' applikazzjoni tal-Artikoli 101 TFUE u 102 TFUE.

72. Fil-fatt, kif fakkart fil-punt 64 ta' dawn il-konklużjonijiet, l-istħarriġ tal-legalità bbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE jista' jkun ikkompletat bl-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni sħiħa, abbażi tal-Artikolu 261 TFUE u fuq talba tal-appellanti, għal dak li jikkonċerna s-sanzjonijiet imposti taħt id-dritt tal-kompetizzjoni mill-Kummissjoni[15].

73. Issa, għalkemm il-ġurisdizzjoni sħiħa ma hijiex rimedju awtonomu, hija għandha madankollu tiġi eżerċitata b'mod separat mill-istħarriġ tal-legalità[16]. Fi kliem ieħor, ma huwiex minħabba li l-istħarriġ tal-legalità ma żvelax illegalità li stħarriġ speċifiku ma għandux ikun eżerċitat fil-kuntest tal-ġurisdizzjoni sħiħa[17]. Kif fakkart fil-punt 69 ta' dawn il-konklużjonijiet, huwa, b'mod partikolari, waqt dan it-tieni stħarriġ li l-fatt li impriża ma pparteċipatx fl-elementi kollha li jikkostitwixxi l-akkordju jew li hija kellha rwol minuri fl-aspetti li fihom hija pparteċipat għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni.

12 Ara l-punti 57 u 58 tal-appell.

13 Ara, fid-deskrizzjoni tal-fatti, il-punti 38 sa 41 tad-Deċiżjoni kontenzjuża; fid-deskrizzjoni tal-avvenimenti (prinċipji bażiċi tal-organizzazzjoni tal-kartell), punti 68, 76 u 77 tad-Deċiżjoni kontenzjuża; fl-applikazzjoni tal-Artikolu 101 TFUE għal dan il-każ, punti 246 u 297 tad-Deċiżjoni kontenzjuża. Fuq l-inammissibbiltà ta' aggravju ġdid, ara s-sentenza tat-12 ta' Mejju 2016, Bank of Industry and Mine vs Il-Kunsill (C-358/15 P, mhux ippubblikata, EU:C:2016:338, punt 91).

14 Enfasi miżjud minni.

15 Tali talba ma jidhirlix li hija diskutibbli f'dan il-każ. Fil-fatt, bil-fatt li talbet lill-Qorti Ġenerali tannulla jew tnaqqas il-multa imposta lilha, l-appellanti inkontestabbilment talbet lill-Qorti Ġenerali teżerċita l-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha (ara, b'mod partikolari, il-punti 189 u 192 tar-rikors għal annullament tagħha). Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-27 ta' April 2017, FSL *et* vs Il-Kummissjoni (C-469/15 P, EU:C:2017:308, punt 72), kif ukoll il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Sharpston fil-kawża KME Germany *et* vs Il-Kummissjoni (C-272/09 P, EU:C:2011:63, punt 78).

16 Ara, f'dan is-sens, Muguet-Poullennec, G., "Sanctions prévues par le règlement n° 1/2003 et droit à une protection juridictionnelle effective: les leçons des arrêts *KME* et *Chalkor* de la CJUE", *Revue Lamy de la Concurrence: droit, économie, régulation*, 2012, Nru 32, p. 57 sa 78.

17 Ara, f'dan is-sens, Van Cleynenbreugel, P., "Constitutionalizing Comprehensively Tailored Judicial Review in EU Competition Law", *The Columbia Journal of European Law*, 2012, p. 519 sa 545, speċifikament p. 535 u 536; Forrester, I. S., "A challenge for Europe's judges: the review of fines in competition cases", *European Law Review*, 2011, Vol. 36, Nru 2, p. 185 sa 207, speċifikament p. 195.

74. Fil-fatt, illum huwa ferm stabbilit li, "sabiex tissodisfa r-rekwiżiti ta' stħarriġ ta' ġurisdizzjoni sħiħa fis-sens tal-Artikolu 47 tal-Karta fir-rigward tal-multa, il-Qorti tal-Unjoni hija obbligata, fl-eżerċizzju tal-kompetenzi previsti fl-Artikoli 261 u 263 TFUE, li teżamina kull ilment, *ta' liġi jew ta' fatt*, maħsub sabiex juri li l-ammont tal-multa ma jirriflettix il-gravità u t-tul tal-ksur"[18].

75. Dan ir-rekwiżit ta' stħarriġ eżawrjenti jsib spjegazzjoni wkoll fil-prinċipji ta' individwalizzazzjoni u ta' gradazzjoni tal-"piena" li huma, biex nuża kliem l-Avukat Ġenerali Tizzano, żewġ prinċipji kardinali ta' kull sistema ta' sanzjonijiet f'materji amministrattivi u kriminali[19] u qegħdin fl-isfond tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar id-determinazzjoni tal-ammont tal-multi fid-dritt tal-kompetizzjoni.

76. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi b'mod kostanti li, għall-iffissar tal-ammont tal-multi, "għandu jittieħed inkunsiderazzjoni t-tul tal-ksur u *tal-elementi kollha ta' natura tali li jistgħu jidħlu fl-evalwazzjoni tal-gravità [tal-ksur], bħall-aġir ta' kull waħda mill-impriżi, ir-rwol li kellha kull waħda minnhom fl-istabbiliment tal-prattiki miftiehma*, il-vantaġġ li setgħu ħadu minn dawn il-prattiki, id-daqs tagħhom u l-valur tal-merkanzija kkonċernata kif ukoll ir-riskju li ksur ta' dan it-tip jirrappreżenta għall-[Unjoni]"[20].

77. Wara kollox ma jistax ikun differenti peress li, dejjem skont il-Qorti tal-Ġustizzja, "il-gravità tal-ksur għandu jkun is-suġġett ta' evalwazzjoni individwali"[21].

78. Fil-fehma tiegħi, il-Qorti Ġenerali ma tistax għaldaqstant tkun eżentata milli teżerċita t-tieni parti tal-istħarriġ ġudizzjarju ħlief meta ċ-ċirkustanzi invokati għall-iskopijiet tad-determinazzjoni tal-ammont tal-multa jkunu identiċi għal dawk li fuqhom ikunu bbażati l-argumenti mressqa fil-kuntest tal-istħarriġ tal-legalità *u bil-kundizzjoni li l-Qorti Ġenerali tkun ċaħdithom kollha f'dik l-okkażjoni*[22].

79. Issa, f'dan il-każ, it-tieni waħda minn dawn il-kundizzjonijiet ma jidhirx li ġiet osservata peress li l-Qorti Ġenerali għażlet li tivverifika biss, fil-kuntest tal-istħarriġ tal-legalità, ħames minn ħdax-il kuntatt li kienu kkontestati b'mod iddettaljat mill-appellanti.

80. Ċertament, fil-parti tar-rikors tagħha li tirrigwarda t-talba għat-tnaqqis tal-multa, l-appellanti kienet ibbażat fuq il-konstatazzjonijiet tal-Kummissjoni li rat li hija kienet ipparteċipat f'seba' kuntatti minn wieħed u erbgħin elenkati[23]. Madankollu, jidhirli li din l-atitudni ssib spjegazzjoni fin-natura sussidjarja tat-talba tagħha. Peress li l-appellanti talbet, prinċipalment, l-annullament tad-Deċiżjoni kontenzjuża billi invokat l-assenza ta' prova ta' aġir li jikkostitwixxi ksur min-naħa tagħha, it-talba sussidjarja tagħha titlaq, impliċitament imma loġikament, mill-prinċipju li jgħid li l-argumenti prinċipali tagħha ma jkunux ġew milqugħa.

18 Sentenza tal-10 ta' Lulju 2014, Telefónica u Telefónica de España vs Il-Kummissjoni (C-295/12 P, EU:C:2014:2062, punt 200; enfasi miżjud minni). Ara, ukoll, f'dan is-sens, is-sentenza tas-27 ta' April 2017, FSL *et* vs Il-Kummissjoni (C-469/15 P, EU:C:2017:308, punt 75). Id-dottrina ma naqsitx milli tenfasizza li n-neċessità li tagħmel eżami approfondit u eżawrjenti tal-fatti kkontestati kollha kienet rekwiżit li joħroġ mill-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u kien jinkludi d-dritt fundamentali għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva (ara, f'dan is-sens, Wesseling, R., u van der Woude, M., "The Lawfulness and Acceptability of Enforcement of European Cartel Law", *World Competition*, 35, 2012/4, p. 573 sa 598, speċifikament p. 582). Fuq ir-rekwiżiti tad-dritt għall-protezzjoni ġudizzjarja effettiva fid-dritt tal-kompetizzjoni, ara, ukoll, Van Cleynenbreugel, P., "Constitutionalizing Comprehensively Tailored Judicial Review in EU Competition Law", *The Columbia Journal of European Law*, 2012, p. 519 sa 545, speċifikament p. 5; Bellis, J.-Fr., "La charge de la preuve en matière de concurrence devant les juridictions de l'Union européenne", f'Mahieu, St. (dir.), *Contentieux de l'Union européenne*. Questions choisies, Brussell, Larcier, coll. Europe(s), 2014, p. 217 sa 233, speċifikament p. 217 u 218).

19 Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Tizzano fil-kawża Dansk Rørindustri *et* vs Il-Kummissjoni (C-189/02 P, EU:C:2004:415, punt 130).

20 Sentenza tas-7 ta' Ġunju 1983, Musique Diffusion française *et* vs Il-Kummissjoni (100/80 sa 103/80, EU:C:1983:158, punt 129; enfasi miżjud minni). Ara, iktar reċentement, is-sentenza tat-8 ta' Diċembru 2011, Chalkor vs Il-Kummissjoni (C-386/10 P, EU:C:2011:815, punt 56).

21 Sentenza tal-11 ta' Lulju 2013, Team Relocations *et* vs Il-Kummissjoni (C-444/11 P, mhux ippubblikata, EU:C:2013:464, punt 102).

22 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-26 ta' Jannar 2017, Aloys F. Dornbracht vs Il-Kummissjoni (C-604/13 P, EU:C:2017:45, punti 55 u 56).

23 Ara l-punti 167 u 191 tar-rikors għal annullament.

81. Din il-metodoloġija proċedurali ma tneħħi xejn mill-fatt li l-argumenti li jirrigwardaw in-natura illegali tal-ħdax-il kuntatt identifikat mill-Kummissjoni fid-Deċiżjoni kontenzjuża setgħu, eventwalment, ikollhom effett fuq l-evalwazzjoni tal-multa imposta jekk jirriżultaw minnhom peress li l-fatt li impriża kellha rwol minuri fl-aspetti tal-ksur li fihom ipparteċipat huwa element li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni waqt l-evalwazzjoni tal-gravità tal-ksur u, jekk ikun il-każ, tad-determinazzjoni tal-multa [24].

82. Issa, jidher li l-Qorti Ġenerali ma rrispondietx għall-argumenti kollha mressqa mill-appellanti, kemm jekk waqt l-istadju tal-istħarriġ tal-legalità – billi vverifikat biss il-parteċipazzjoni tal-appellanti f'ħames diskussjonijiet antikompetittivi mentri hija kkontestat b'mod motivat in-natura illegali tal-ħdax-il kuntatt identifikat mill-Kummissjoni fid-Deċiżjoni kontenzjuża – kif ukoll waqt li eżerċitat il-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha meta affermat allura li l-appellanti "tillimita ruħha […] billi ssostni li hija kellha rwol minuri fil-ksur inkwistjoni" [25] u li "r-raġuni li għaliha tiġi imposta [lilha] l-multa li l-ammont tagħha huwa l-ogħla hija li kellha dħul mill-bejgħ ħafna ikbar minn ta' dawk tal-impriżi ssanzjonati l-oħrajn" [26], fejn l-ammont tal-multa jirrifletti l-importanza ekonomika tal-parteċipazzjoni tagħha fil-ksur inkwistjoni.

83. Mingħajr ma tiġi hawnhekk ikkontestata r-rilevanza ta' din l-aħħar affermazzjoni u mingħajr ma wieħed jipprova jafferma li l-Qorti Ġenerali kienet tasal għal konklużjoni differenti kieku eżaminat l-ilmenti kollha mressqa mill-appellanti, jidher li l-Qorti Ġenerali ma ħaditx inkunsiderazzjoni, b'mod ġuridikament korrett, il-fatturi kollha essenzjali għall-evalwazzjoni tal-gravità tal-aġir li bih ġiet akkużata l-appellanti u li ma rrispondietx b'mod suffiċjenti fid-dritt l-argumenti kollha invokati mill-appellanti għat-tneħħija jew it-tnaqqis tal-multa. Issa, dan hu preċiżament is-suġġett tal-istħarriġ tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest ta' appell [27].

### *3. Konklużjoni fuq l-ewwel parti tal-ewwel aggravju flimkien mat-tielet aggravju*

84. Fi tmiem l-analiżi tiegħi tal-ewwel parti tal-ewwel aggravju flimkien mat-tielet aggravju, jidhirli li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ma eżaminatx kull wieħed mill-argumenti li kienu ġew esposti mill-appellanti biex turi l-legalità tal-kuntatti użati kontriha mill-Kummissjoni.

## *B. Fuq il-kwistjoni tal-awtentiċità tal-provi*

### *1. L-argumenti tal-partijiet*

85. Permezz tat-tieni parti tal-ewwel aggravju, l-appellanti tikkritika lill-Qorti Ġenerali li tefgħet fuqha, fil-punt 118 tas-sentenza appellata, l-oneru tal-prova dwar in-natura mhux awtentika ta' posta elettronika interna ta' Samsung tat-3 ta' Novembru 2003. Fin-nuqqas li l-Kummissjoni, li għandha l-oneru li tipprova l-ksur, ipprovat l-awtentiċità ta' din il-posta elettronika skont il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba u fid-dawl tad-dubji serji mressqa mill-appellanti, din il-prova kellha tiġi ddikjarata inammissibbli.

24 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-7 ta' Jannar 2004, Aalborg Portland *et* vs Il-Kummissjoni (C-204/00 P, C-205/00 P, C-211/00 P, C-213/00 P, C-217/00 P u C-219/00 P, EU:C:2004:6, punt 86), u tas-6 ta' Diċembru 2012, Il-Kummissjoni vs Verhuizingen Coppens (C-441/11 P, EU:C:2012:778, punt 45). Il-gravità relattiva tal-parteċipazzjoni ta' impriża fi ksur tista', b'mod partikolari, tittieħed inkunsiderazzjoni waqt l-evalwazzjoni taċ-ċirkustanzi attenwanti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-11 ta' Lulju 2013, Team Relocations *et* vs Il-Kummissjoni, C-444/11 P, mhux ippubblikata, EU:C:2013:464, punti 104 u 106).

25 Punt 263 tas-sentenza appellata.

26 Punt 269 tas-sentenza appellata.

27 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-28 ta' Ġunju 2005, Dansk Rørindustri *et* vs Il-Kummissjoni (C-189/02 P, C-202/02 P, C-205/02 P sa C-208/02 P u C-213/02 P, EU:C:2005:408, punt 244).

86. L-appellanti ssostni tal-inqas li, fid-dawl tal-osservazzjonijiet ippreżentati minnha stess u minn Samsung, il-Kummissjoni kienet obbligata taħtar espert professjonali indipendenti għall-iskopijiet li jevalwa l-awtentiċità tal-posta elettronika. Dan kien japplika iktar fil-proċeduri fil-qasam tal-akkordji minħabba n-natura kriminali tagħhom.

87. Il-Kummissjoni tikkontesta l-pożizzjoni tal-appellanti. F'każ ta' kontestazzjoni dwar l-awtentiċità ta' prova, il-kredibbiltà tkun l-unika kriterju rilevanti u l-valur probatorju tagħha tiġi evalwata fid-dawl tal-ċirkustanzi kollha tal-każ.

88. L-obbligu ta' amministrazzjoni tajba ma jimponilhiex li tipprova l-awtentiċità ta' prova, b'mod li hija ma tkunx obbligata taħtar espert professjonali tat-teknoloġija tal-informatika indipendenti.

89. F'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali kkonformat ruħha ma' dawn ir-rekwiżiti għall-iskopijiet li tevalwa l-kredibbiltà tal-posta elettronika interna fid-dawl taċ-ċirkustanzi kollha tal-każ u billi kkunsidrat li l-posta elettronika interna ta' Samsung tat-3 ta' Novembru 2003 setgħat tiġi invokata bħala parti mill-provi. Il-Kummissjoni żżid tgħid li, ħlief jekk ikun hemm żnaturament tal-provi, il-konstatazzjonijiet ta' fatt hekk magħmula mill-Qorti Ġenerali ma humiex suġġetti għal-istħarriġ tal-Qorti tal-Ġustizzja.

*2. Analiżi*

*a) Fuq id-distinzjoni bejn l-awtentiċità ta' prova u l-kredibbiltà tagħha*

90. Meta l-Kummissjoni setgħet tistabbilixxi li impriża pparteċipat f'laqgħat bejn impriżi li kienu ta' natura manifestament antikompetittiva, hija l-impriża li għandha tipprovdi spjegazzjoni oħra tal-kontenut ta' dawn il-laqgħat [28].

91. F'dan ir-rigward, "ma huwiex biżżejjed li l-impriża kkonċernata ssemmi l-possibbiltà li seħħ fatt li jista' jaffettwa l-valur probatorju ta' dawn il-provi [li fuqhom tibbaża l-Kummissjoni] sabiex [din ikollha] l-oneru li tipprova li dan il-fatt ma setax jaffettwa l-valur probatorju [tagħhom]. Bil-kontra, ħlief fil-każ li tali prova ma tkunx tista' tiġi pprovduta mill-impriża kkonċernata minħabba l-aġir tal-Kummissjoni nnifisha, hija l-impriża kkonċernata li għandha tistabbilixxi suffiċjentement skont il-liġi, minn naħa, l-eżistenza tal-fatt li hija tinvoka u, min-naħa l-oħra, li dan il-fatt jikkontesta l-valur probatorju tal-provi li fuqhom tibbaża ruħha l-Kummissjoni" [29].

92. B'mod iktar ġenerali, il-prinċipju prevalenti fid-dritt tal-Unjoni huwa dak tal-amministrazzjoni libera tal-provi. Minn dan il-prinċipju jirriżulta li l-uniku kriterju rilevanti sabiex jiġu evalwati l-provi prodotti jinsab fil-kredibbiltà tagħhom [30].

93. Biex tagħmel dan, fil-każijiet ta' evalwazzjonijiet ekonomiċi kumplessi, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li l-qorti tal-Unjoni kellha b'mod partikolari tivverifika l-eżattezza materjali tal-provi invokati, l-affidabbiltà u l-koerenza tagħhom [31].

94. Mingħajr ma nikkontesta dawn il-parametri, jidhirli li l-kwistjoni tal-awtentiċità ta' prova tqum neċessarjament qabel l-evalwazzjoni tal-kredibbiltà tagħha: prova li ma hijiex awtentika ma tistax titqies bħala kredibbli anki jekk hija jkollha l-apparenza ta' prova kredibbli.

28 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-22 ta' Novembru 2012, E.ON Energie vs Il-Kummissjoni (C-89/11 P, EU:C:2012:738, punt 75).

29 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-22 ta' Novembru 2012, E.ON Energie vs Il-Kummissjoni (C-89/11 P, EU:C:2012:738, punt 76).

30 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tad-19 ta' Diċembru 2013, Siemens *et* vs Il-Kummissjoni (C-239/11 P, C-489/11 P u C-498/11 P, mhux ippubblikata, EU:C:2013:866, punt 128), u tas-27 ta' April 2017, FSL *et* vs Il-Kummissjoni (C-469/15 P, EU:C:2017:308, punt 38).

31 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-8 ta' Diċembru 2011, Chalkor vs Il-Kummissjoni (C-386/10 P, EU:C:2011:815, punt 54).

95. Għaldaqstant, għandu jerġa' jsir riferiment għall-prinċipju bażiku li jrid li, anki fil-qasam tad-dritt tal-kompetizzjoni, fil-każ ta' kwistjoni dwar l-eżistenza ta' ksur, hija l-Kummissjoni li għandha ġġib il-prova tal-ksur li hija tikkonstata u li tistabbilixxi l-provi xierqa sabiex juru, suffiċjentement skont il-liġi, l-eżistenza tal-fatti li jikkostitwixxu ksur[32]. Jekk ikun hemm dubju f'moħħ il-qorti, dan għandu jmur favur l-impriża destinatarja tad-deċiżjoni li tikkonstata ksur[33].

96. Dan ifisser b'mod konkret li jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata dubju fuq jekk huwiex komplut dokument li jkun ikkontestat u/jew fuq il-kwistjoni dwar jekk dan inkisibx b'mezzi leġittimi, id-dokument għandu jiġi skartat[34]. Din ma hija xejn iktar u xejn inqas minn kwistjoni dwar l-ammissibbiltà tal-prova. Issa, huwa biss wara li l-provi prodotti mill-Kummissjoni jkunu ammissibbli li tista' ssir l-evalwazzjoni fir-rigward tal-kredibbiltà tagħhom[35].

*b) Applikazzjoni għal dan il-każ*

97. F'dan il-każ, l-appellanti tikkontesta l-awtentiċità ta' posta elettronika interna ta' Samsung mibgħuta minn wieħed mill-impjegati tagħha fit-3 ta' Novembru 2003. Minn naħa, jeżistu diversi verżjonijiet stampati ta' din il-posta elettronika u, min-naħa l-oħra, iż-żewġ rapporti ta' perizji ppreżentati mill-appellanti kkonkludew, essenzjalment, li ma kienx possibbli li tiġi affermata l-awtentiċità tagħha.

98. Dawn l-argumenti saru b'mod dettaljat mill-appellanti fil-punti 68 sa 86 tar-rikors għal annullament tagħha. Fl-ewwel lok, hija rreferiet għall-ewwel verżjoni stampata mingħajr destinatarju u lanqas destinatarju "kkopjat" u li ntbagħtet allegatament fit-3.27 ta' filgħodu (ħin Ewropew) filwaqt li t-telefonata tal-impjegat ta' Infineon imsemmija fil-posta elettronika inkwistjoni seħħet fl-istess ġurnata. Fit-tieni lok, hija enfasizzat id-differenzi bejn l-ewwel verżjoni tal-posta elettronika mibgħuta u ż-żewġ verżjonijiet l-oħra, li kienu juru, b'kuntrast mal-ewwel verżjoni, destinatarju u sitt destinatarji oħra kkopjati kif ukoll ħin differenti ta' meta ntbagħtu. Fit-tielet lok, l-appellanti semmiet relazzjoni ta' perit tekniku li fi tmiemha l-espert indipendenti kkonsultat deherlu li l-posta elettronika tat-3 ta' Novembru 2003 ma setgħatx titqies bħala awtentika lil hinn minn kull dubju raġonevoli, ħaġa li ġiet ikkonfermata mill-istess espert fit-tieni relazzjoni.

99. Minkejja dawn il-punti, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat, fil-punt 181 tas-sentenza appellata, li l-Kummissjoni kienet "setgħat tikkonkludi li r-rikorrenti kienet ipparteċipat f'diskussjonijiet illegali" billi tibbaża ruħha, b'mod partikolari, fuq il-fatt "li ebda perizja ma [kienet ikkonkludiet] li l-posta elettronika tat-3 ta' Novembru 2003 ma kinitx tikkostitwixxi prova kontemporanja awtentika, ħaġa li lanqas ir-rikorrenti ma pprovat quddiemha". Hija żiedet, fil-punt 182 tas-sentenza appellata, li l-appellanti ma kinitx ġabet "il-prova li r-raġunijiet oġġettivi mressqa mill-Kummissjoni biex tiġġustifika li kien hem diversi verżjonijiet ta' din il-posta elettronika kienu żbaljati".

32 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-22 ta' Novembru 2012, E.ON Energie vs Il-Kummissjoni (C-89/11 P, EU:C:2012:738, punt 71).

33 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-22 ta' Novembru 2012, E.ON Energie vs Il-Kummissjoni (C-89/11 P, EU:C:2012:738, punti 72 u 73).

34 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-17 ta' Diċembru 1981, Ludwigshafener Walzmühle Erling *et* vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (197/80 sa 200/80, 243/80, 245/80 u 247/80, EU:C:1981:311, punt 16).

35 Ara, f'dan is-sens, Bellis, J.-Fr., "La charge de la preuve en matière de concurrence devant les juridictions de l'Union européenne", f'Mahieu, St. (dir.), *Contentieux de l'Union européenne*. Questions choisies, Brussell, Larcier, coll. Europe(s), 2014, p. 217 sa 233, speċifikament p. 221. Inżid li, għalkemm il-Qorti tal-Ġustizzja qatt ma rrikonoxxiet espressament in-natura kriminali tal-multi li jissanzjonaw il-ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (iktar 'il quddiem il-"Qorti EDB") iddeċidiet li multa imposta biex tissanzjona ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni "[kellha] natura kriminali, b'mod li l-Artikolu 6 § 1 [tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali kellu] japplika, f'dan il-każ, mill-aspett kriminali tiegħu" (Qorti EDB, sentenza tas-27 ta' Settembru 2011, A. Menarini Diagnostics vs L-Italja, rikors Nru 43509/08, CE:ECHR:2011:0927JUD004350908, punt 44). Minkejja l-fatt li l-Qorti EDB tillimita l-eżami tagħha għall-każ partikolari li jkun quddiemha, il-bażi tal-motivazzjoni tagħha tippermetti li tiġi ġġeneralizzata l-konklużjoni li waslet għaliha.

100. B'dan il-mod, jidhirli li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ma osservatx l-istandard probatorju mitlub fil-qasam tal-multi minħabba ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni. Fil-fatt, mingħajr lanqas jittieħed kont tad-differenzi li jirrigwardaw l-elementi essenzjali ta' posta elettronika bħalma huma d-destinatarji jew il-ħin li tintbagħat, jirriżulta mir-relazzjonijiet tal-esperti, ippreżentati mill-appellanti, li ma kinitx possibbli li tiġi affermata b'mod ċert l-awtentiċità tal-posta elettronika tat-3 ta' Novembru 2003. B'dawn l-elementi quddiemha, il-Qorti Ġenerali kellha tiskarta din il-prova: kienet il-Kummissjoni li kellha tipprova b'mod pożittiv l-awtentiċità tal-posta elettronika tat-3 ta' Novembru 2003 billi tirrikorri, jekk ikun il-każ, għall-miżura tal-perizja esperta mitluba mill-appellanti.

101. Madankollu, il-Qorti Ġenerali dehrilha wkoll li l-fatt li kienu nżammu d-diskussjonijiet illegali msemmija fil-posta elettronika tat-3 ta' Novembru 2003 jirriżulta wkoll minn provi oħrajn, li f'daqqa jikkostitwixxu "sensiela ta' indizji" [36].

102. Issa, b'kuntrast mal-kwistjoni dwar jekk ir-regoli fil-qasam tal-oneru u l-amministrazzjoni tal-prova ġewx osservati, il-Qorti tal-Ġustizzja ma hijiex kompetenti li tikkonstata l-fatti lanqas, bħala regola ġenerali, li teżamina l-provi li l-Qorti Ġenerali qieset insostenn ta' dawn il-fatti. Fil-fatt, sakemm dawn il-provi jinkisbu legalment, u sakemm il-prinċipji ġenerali tad-dritt u r-regoli ta' proċedura applikabbli fil-qasam tal-oneru u l-produzzjoni tal-provi jiġu mħarsa, hija biss il-Qorti Ġenerali li hija kompetenti li tevalwa l-valur li għandu jiġi attribwit lill-elementi li ġew imressqa quddiemha. Għaldaqstant, din l-evalwazzjoni ma tikkostitwixxix, ħlief fil-każ ta' żnaturament tal- provi ppreżentati quddiem il-Qorti Ġenerali, kwistjoni ta' liġi suġġetta għall-istħarriġ tal-Qorti tal-Ġustizzja [37].

103. Konsegwentement, anki jekk l-elementi meqjusa mill-Qorti Ġenerali jistgħu jkunu suġġett ta' diskussjoni, dawn huma evalwazzjonijiet fattwali li ma jaqgħux taħt is-setgħa ta' stħarriġ tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest ta' appell. Peress li l-Qorti Ġenerali kkonstatat li hemm dokumenti oħrajn li jikkonfermaw li nżammu diskussjonijiet illegali bejn il-kompetituri implikati fil-ksur inkwistjoni, l-argument li jirrigwarda l-awtentiċità tal-posta elettronika tat-3 ta' Novembru 2003 jirriżulta, fi kwalunkwe każ, ineffettiv.

## VI. Fuq li l-kawża tintbagħat lura quddiem il-Qorti Ġenerali

104. Fi tmiem l-analiżi tiegħi dwar l-ewwel parti tal-ewwel aggravju flimkien mat-tielet aggravju, jien wasalt għall-konklużjoni li l-Qorti Ġenerali kienet wettqet żball ta' liġi meta ma eżaminatx kull wieħed mill-argumenti li kienet esponiet l-appellanti biex turi l-legalità tal-kuntatti użati kontriha mill-Kummissjoni.

105. Skont l-Artikolu 61 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, ladarba l-appell ikun fondat, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tannulla d-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali. Tista' allura jew hija stess tiddeċiedi definittivament il-kawża, meta din tkun fi stat li tiġi deċiża, jew tirrinvija l-kwistjoni quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex din tiddeċidiha.

106. Fil-kawża preżenti, nikkunsidra li l-kawża ma hijiex fi stat li tista' tiġi deċiża. Fil-fatt, l-eżami tal-fondatezza tal-argumenti tal-appellanti iwassal lill-Qorti tal-Ġustizzja biex tiddeċiedi fuq kwistjonijiet ta' fatt abbażi ta' elementi li ma ġewx evalwati mill-Qorti Ġenerali fis-sentenza appellata. Barra minn hekk, l-allegazzjonijiet fattwali dwar il-mertu tat-tilwima ma kinux diskussi quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

36 Punt 181 tas-sentenza appellata. Ara, ukoll, punt 183 tas-sentenza appellata.

37 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-25 ta' Jannar 2007, Sumitomo Metal Industries u Nippon Steel vs Il-Kummissjoni (C-403/04 P u C-405/04 P, EU:C:2007:52, punti 38 u 56), kif ukoll tad-19 ta' Diċembru 2013, Siemens *et* vs Il-Kummissjoni (C-239/11 P, C-489/11 P u C-498/11 P, mhux ippubblikata, EU:C:2013:866, punti 39, 76, 77 u 129).

107. Għaldaqstant, jeħtieġ li l-kawża tintbagħat lura quddiem il-Qorti Ġenerali u l-ispejjeż jibqgħu rriżervati.

## VII. Konklużjoni

108. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti u mingħajr preġudizzju għall-eżami tal-aggravji l-oħra, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja:

– tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tal-15 ta' Diċembru 2016, Infineon Technologies vs Il-Kummissjoni (T-758/14, mhux ippubblikata, EU:T:2016:737) inkwantu l-Qorti Ġenerali ma eżaminatx kull wieħed mill-argumenti li kienu esposti mill-appellanti biex turi l-legalità tal-kuntatti użati kontriha mill-Kummissjoni, u

– tibgħat il-kawża lura lill-Qorti Ġenerali u tirriżerva l-ispejjeż.